Sena Fostna
Sant'Anna, Wied il-Għajn
1947 - 2017

Marzu 2017 — Ħarġa 296

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Saqajna mal-art...

L-ilmijiet tal-ħajja tagħna mhumiex dejjem kalmi, xi drabi l-mewġ ikun qawwi li jaqtagħlna qalbna u anke naħsbu li Alla jidher rieqed. L-esperjenzi li ngħaddu minnhom iġiegħluna nibqgħu saqajna mal-art għax fil-ħajja mhux kollox huwa kalm u trankwill. X'nagħmlu quddiem din ir-realtà kumplessa? Nagħmlu kuraġġ jew nagħlqu ħalqna?

**Saqajna mal-art ifisser li aħna m'aħniex illoppjati imma f'kuntatt man-nies.**

Aħna nistgħu kontinwament nipproteġu ruħna mir-realtà billi nibqgħu trankwilli u ma nagħmlu xejn. Iżda hekk ma nkunux qed nieħdu ħsieb xulxin u nkunu qed ngħixu f'dinja individwalista u egoista. Żgur li din mhijiex is-sejħa tagħna għax aħna lkoll irridu l-ġid tal-familji u tal-komunità tagħna f'Wied il-Għajn. Flimkien irridu naħdmu sabiex nieħdu ħsieb lil xulxin minn kull tentazzjoni u minn kull periklu.

**Saqajna mal-art ifisser li aħna m'aħniex ipokriti ma' Alla u ma' xulxin.**

Ejjew inneħħu t-tortura tal-ġrieħi li nagħmlu lil xulxin u nagħmlu l-pass biex nifhmu lill-Mulej u lil xulxin fid-dawl tal-Kelma ta' Alla. It-tagħlim tal-Knisja jsejħilna biex nakkumpanjaw lil xulxin u nkunu aktar persuni ta' sagrifiċċju. Ejjew ma ngħidux affarijiet li ma għandniex ngħidu fuq xulxin iżda nfittxu l-kuraġġ li niċċaraw l-affarijiet fid-dawl ta' Kristu u fis-sapport li nagħtu lil xulxin.

**Saqajna mal-art ifisser li aħna paċi ma' Alla u ma' xulxin.**

Ilkoll ninsabu f'mixja fejn it-tama tagħna hija f'Ġesù li huwa twajjeb u ħanin. Fostna nsibu persuni li jixtiequ ħafna jkunu paċi ma' Alla, mal-Knisja u mal-komunità. Ir-Randan huwa żmien tajjeb li fit-talb nagħrfu lilna nfusna, lil Alla u lil xulxin. Ejjew matul iż-żmien tar-Randan inkomplu nibnu kuxjenza ffurmata tajjeb bis-saħħa tal-Kelma ta' Alla fil-liturġija li niċċelebraw il-Knisja u anke bis-saħħa tal-Eżerċizzi. Ejjew inħossuna akkumpanjati minn Alla, mis-saċerdoti u minn xulxin meta aħna niċċelebraw is-Sagramenti tal-Qrar u tal-Ewkaristija.

Nawguralek li tkun u li tgħinna nkomplu nkunu Knisja saqajna mal-art fejn kontinwment flimkien infittxu li nkunu paċi ma' Alla u ma' xulxin.

Kunu mberkin
Dun Roderick
Kappillan





## *Appostli Franġiskani ta' Ġesù u Marija*

# Kif nista' ngħix ir-Randan?

Il-Knisja tipprovdilna dan iż-żmien biex nieħdu ħsieb tagħna nfusna u ntejbu r-relazzjoni tagħna ma' Alla. Dawn huma xi punti kif wieħed jista' jsib il-mod li jgħinuh jgħix dan ir-Randan.

**Bit-Talb:** dan hu mezz kif il-qalb tinfetaħ għall-grazzja ta' Alla u b'hekk nirċievi l-qawwa biex ninbidel.

1. Insib ħin kuljum fis-skiet quddiem Ġesù Ewkaristija.
2. Nitlob bir-rużarju.
3. Naqra l-qari tal-quddies ta' kuljum u nirrifletti fuqu. (Il-qari nistgħu nsibuh anke *online* fuq www.laikos.org)

**Bil-Karità:** li meta tkun mgħejuna bit-talb hi mezz ieħor biex tressaqna lejn Ġesù u l-proxxmu.

1. Nagħti l-ħbiberija tiegħi, billi tul dawn l-erbgħin jum insir naf persuna li tattendi l-quddies tal-parroċċa.
2. Inżur xi ħadd tal-familja li għaddej minn xi żmien iebes.
3. Għajnuna materjali lil dawk li huma fil-bżonn.

**Bis-Sawm:** li meta jkun megħjun bit-talb nistgħu nakkwistaw il-qawwa biex nikkumbattu d-dgħufija tagħna.

1. Nillimita il-ħin fejn nuża il-midja soċjali bħal 'Facebook'.
2. Innaqqas mill-kumdità jew dak li jġiegħelni nitgħażżen.
3. Xi ħaġa mill-ikel jew mix-xorb li nista' niċċaħħad minnha.

Dan kollu jagħmel iktar sens meta wieħed jgħix mal-komunità billi anke jersaq iktar ta' spiss lejn is-sagrament tal-qrar, jipparteċipa fil-quddies u jattendi l-laqgħat li jiġu organizzati fil-parroċċa.

J'Alla dan iż-żmien jgħinna nippreparaw ruħna biex il-festa tal-Għid tkun esperjenza sabiħa fil-ħajja tagħna.

Il-paċi magħkom!
Ray u Chris


**Tuition Courses**

**Primary** – Mathematics, Maltese & English

**Secondary** – Form 1 – 5 / 'O' Level (Mathematics, Physics, English, Maltese, Italian, Biology & Chemistry)
Intermediate/Advanced – Pure Maths, Physics , Maltese, Italian & English.

**MCAST** – Maths & Physics

We Offer -
- Graduate and Experianced teachers
- Small Groups
- Four tuition centres : Marsaskala , Kalkara, Ħamrun & Birkirkara.

**TelNos** - 21660812 – 21472561 - 99458791





*Tpenġija ta' tifel irrigalata lill-Appostli Franġiskani ta' Ġesù u Marija*




Ħin tal-Qrar fil-Parroċċa
ta' Sant'Anna Wied il-Għajn

Mit-Tnejn sas-Sibt
6.45am sat-8:15am
6:00pm sas-7:00pm

Sibt filgħaxija
4:30pm sat-8:30pm

Il-Ħadd
6:15am sa 12:00pm
5:30pm sas-6:30pm




**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**






*Mulej Ġesù, fakkarni dejjem li ma nistax inkun dixxiplu tiegħek, mingħajr is-salib.*

## Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Marzu 2017

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **L-Erbgħa** | **Ras ir-Randan** – Sawm u Astinenza – Quddies fil-Knisja Parrokkjali fis-7.00am, fit-7.45am u fil-5.30pm niltaqgħu l-Mużew tas-Subien fejn nibdew il-quddiesa b'pellegrinaġġ bix-xbieha tas-salib sal-Knisja Parrokkjali. Mill-Mużew nimxu għal Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco għall-Knisja. Nħeġġu lir-residenti ta' dawn it-toroq biex jarmaw dawl minn fejn se jgħaddi l-pellegrinaġġ. |
| 3 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Wara l-quddiesa tas-6.00pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija.<br>Fl-okkażjoni ta' Ħadd in-Nies, fil-bidu tar-Randan Imqaddes fit-8.00pm quddiesa fil-Kappella tal-Madonna tar-Rużarju fil-Villa Apap Bologna u wara tibda mixja sas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żabbar. Dawk li se jieħdu sehem ser jagħtu donazzjonijiet għall-karità. Mal-wasla fis-Santwarju, ssir ċelebrazzjoni Marjana. |
| **5** | **Il-Ħadd** | **L-1 Ħadd tar-Randan.** |
| 9 | Il-Ħamis | Fid-9.00am *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna fl-okkażjoni ta' Jum il-Mara.<br>Fis-6.45pm laqgħa għall-ġenituri li wliedhom ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina fil-Knisja Parrokkjali. |
| **12** | **Il-Ħadd** | **It-2 Ħadd tar-Randan.** |
| 13 | It-Tnejn | Rużarju quddiem Ġesù Ewkaristija wara l-quddiesa tas-7.00am fl-okkażjoni tas-Sena Ġubilari mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima. |
| **Mit-13 sas-17** | | **Fit-8.30am Eżerċizzi għal kulħadd immexxija minn Fr Anton Galea Scannura Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pietru fil-Ktajjen Birżebbuġa.**<br>Fl-4.30pm l-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u jattendu d-Duttrina nhar ta' Tnejn, il-Museum. |
| 16 | Il-Ħamis | Fl-4.30pm l-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u jattendu fiċ-Ċentru tal-Katekiżmu, il-Munxar. |
| 17 | Il-Ġimgħa | Fl-4.30pm l-Ewwel Qrara fil-Knisja Parrokkjali għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u jattendu d-Duttrina nhar ta' Ġimgħa, il-Musuem. |
| 17 | Il-Ġimgħa | **Fit-8.30pm YOUTH MASS** - Quddiesa miż-żgħażagħ, fil-Knisja Parrokkjali. |
| 18 | Is-Sibt | Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| **19** | **Il-Ħadd** | **It-3 Ħadd tar-Randan.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| 20 | It-Tnejn | Solennità ta' San Ġużepp. Fil-Quddiesa tas-6.00pm niċċelebraw it-18-il Sena mill-Konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokkjali minn Mons. Ġużeppi Mercieca. |
| **26** | **Il-Ħadd** | **Ir-4 Ħadd tar-Randan. Fl-10:15am Quddiesa u Barka fuq it-Tarbija fil-ġuf.**<br>Fl-4.00pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali mill-Membri tal-Legion of Mary fejn jagħmlu l-wegħda Leġjonarja. |
| 27 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6.00pm. |
| 28 | It-Tlieta | Wara l-quddiesa tas-6:00pm kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna. |
| 31 | Il-Ġimgħa | Fis-7.00pm Quddiesa u wara Via Sagra fl-inħawi ta' Bellavista. |

**Eżerċizzi għall-Koppji mit-3 sas-7 ta' April 2017**
**immexxija minn Fr David Cilia.**